MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 973/2004

**C and B Autoparts Limited (C7280)**

**Vs**

**Christopher Bonello u martu Gina Bonello**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ elf u disgha u tletin lira Maltin (Lm1,039) rapprezentanti bilanc mhux imhallas fuq import ta’ disa’ (9) kambjali ta’ mija u dsatax-il lira Maltin (Lm119) il-wahda accettati mill-konvenut, liema kambjali mmaturaw izda ma gewx minnu onorati.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx Risposta ghalkemm debitament notifikati;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fid-9 ta' Mejju, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------